VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,653, 7 ta' Ottubru, 2016
Taqsima B

A.L. 334 tal-2016

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2016 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2016 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Science – M.Sc. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(c) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2016 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2016 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Science – M.Sc. – u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2015 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Science – M.Sc. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni, ippubblikati bħala Avviż Legali 25 tal-2016, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw minn Ottubru 2016 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 8 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafu (b) tal-ordinament 8 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(b) taqsima studju mgħallma li għaliha hemm assenjati 5 kretti ECTS u taqsima studju tad-dissertazzjoni li għaliha hemm assenjati 85 krettu ECTS."

L-Emenda għall-ordinament 14 tal-ordinamenti prinċipali

4. Minflok il-paragrafu (1) tal-ordinament 14 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"14. (1) Fi programmi ta' studju prinċipalment bir-riċerka, imfasslA skont il-paragrafu (b) tal-ordinament 8, l-istudenti huma meħtieġa jippreżentaw dissertazzjoni individwali (85 krettu ECTS) ta' madwar 45,000 kelma skont il-linji gwida maħruġin mill-Bord. Id-dissertazzjoni għandha tissodisfa wkoll lill-Bord rigward il-kontenut u l-preżentazzjoni."